31992D0245

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-14 ta' April 1992.
dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tal-prodotti mill-laħam mit-Tuneżija u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/449/KEE

(92/245/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa tal-bhejjem u l-ispezzjon veterinarju fuq l-importazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż u l-ħnieżer, il-laħam frisk jew il-prodotti mill-laħam minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru. 3763/91 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 21a u 22 tagħha,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/162/KEE [4], tfassal lista tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtoriżżaw l-importazzjonijiet tal-bhejjem ta' l-ifrat, il-ħnieżer u l-*equidae*, il-laħam frisk u l-prodotti mill-laħam; billi l-lista ġiet issupplimentata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/361/KEE [5] biż-żieda *inter alia*, tat-Tuneżija bl-iskop li titħalla l-importazzjoni tal-prodotti mill-laħam li jkunu ġew ittrattati f'kontenitur issiġillat ermetikament għall-valur F_0 ta' tlieta jew aktar;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/449/KEE [6], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 91/244/KEE [7] tistabbilixxi ċ-ċertifikati kampjun tas-saħħa tal-bhejjem rigward il-prodotti mill-laħam importati minn pajjiżi terzi;

Billi, wara missjoni veterinarja Komunitarja, jidher illi minkejja s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-bhejjem, it-Tuneżija hi koperta b'servizzi veterinarji strutturati u organizzati tajjeb biżżejjed; billi l-produzzjoni ta' ċerti prodotti mil-laħam ittrattat bis-sħana għall-esportazzjoin lejn il-Komunità sejrin ikunu ssorveljati minn veterinarju uffiċjali maħtur mid-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji;

Billi l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja jridu jiġu addattati skond is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-bhejjem tal-pajjiż terz interessat;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jawtoriżżaw l-importazzjoni mit-Tuneżija tal-prodotti mil-laħam li għaddew minn:

— jew trattament f'kontenitur issiġillat ermetikament għall-valur F_0 ta' tlieta jew aktar,

— jew trattament tas-sħana hekk illi tkun ġiet miksuba temperatura ta' mill-inqas 80 °C.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jawtoriżżaw l-importazzjoni mit-Tuneżija ta' prodotti oħra tal-laħam għajr dawk riferiti fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 2

1. Id-Deċiżjoni 79/542/KEE hija emendata kif ġej:

(a) fl-Anness taħt il-kolonna intestata "rimarki speċjali" dwar il-prodotti mil-laħam, iċ-ċifra "(4)" tiddaħħal fil-vers li jikkorrespondi mat-Tuneżija wara ċ-ċifra (3);

(b) fit-tmiem tal-lista tal-pajjiżi fl-intestatura fin-nota fil-qiegħ tal-paġna "Rimarki speċjali", tiddaħħal is-sentenza ta' l-aħħar li ġejja:

"(4) Minkejja kull restrizzjoni indikata fil-lista t'hawn fuq, huma awtorizzati l-prodotti mil-laħam li jkunu għaddew minn trattament tas-sħana hekk illi tkun ġiet miksuba temperatura fiċ-ċentru ta' mill-inqas 80 °C."

2. Fil-Parti II ta' l-Anness Ċ mad-Deċiżjoni 91/449/KEE l-lista tal-pajjiżi approvati għalbiex jużaw iċ-ċertifikat kampjun tas-saħħa tal-bhejjem hija minn hawnhekk emendata bid-dħul tal-pajjiż li ġej:

"It-Tuneżija."

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' April 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1.
[3] ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
[4] ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 30.
[5] ĠU L 195, tat-18.7.1991, p. 43.
[6] ĠU L 240, tad-29.8.1991, p. 28.
[7] ĠU L 124, ta' l-14.4.1992, p. 40.